TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

76

Avviż Numru CCT 280/13-F

**George A. Caruana**

**vs**

**GO P.l.c.**

Illum 16 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mitejn u sitta u tletin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,236.38), rappreżentanti *roaming charges* tal-*mobile phone* li ma kienx avżat li kien se jeħilhom u għalhekk qed jitlof rifużjoni tagħhom.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar l-Italja u wara mar l-Israel. Illi meta mar l-Israel huwa uża l-*mobile phone* u weħel *charges* ta' elf, mitejn u sitta u tletin ewro (€1,236), u li ma kienx avżat illi kien *unlimited.*

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ġie nfurmat b'diversi sms's illi seta' jaqleb *limited* u ma jibqax *unlimited,* u li skond is-soċjeta' ntimata dawn l-sms's injorahom.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi s-soċjeta' ntimata vera bagħtet dawn l-sms's u r-rikorrenti jmissu kien aktar attent għalxiex kien qed juża l-*mobile phone* u wieħed irid jifhem illi jekk wieħed juża l-*mobile phone* ġo pajjiż illi speċjalment mhuwiex fl-Ewropa, hemm aktar *charges*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888